**Prim’Awla tal-Qorti Ċivili**

**Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali**

**Onor. Imħallef Mark Simiana, LL.D**

*Rikors Numru 745/2021 MS*

**Road Construction Co. Ltd**

**Vs.**

**Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, Avukat tal-Istat u Salvu Mintoff & Sons Limited**

Illum, 23 ta’ Frar, 2024

Kawża Numru: 2K

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat fis-17 ta’ Novembru, 2021, li permezz tiegħu ir-rikorrenti, wara li ppremettiet dan li ġej:

> Illi s-socjeta’ esponenti hija kumpanija kummercjali li topera fil-qasam tal-bini, b’xoghol fil-barrieri f’Ghawdex,

u twettaq ukoll xoghlijiet fit-toroq, b'inkarigi kemm mill-privat kemm mill-amministrazzjoni pubblika.

Illi parti minn dawn l-operazzjonijiet kummercjali tas-socjeta' esponenti jinkludu art destinata ghall-uzu bhala barriera, fil-limiti tal-Qala, Ghawdex, fil-kuntrada 'Ta' Ghar id-Dar', li hija hadet b'koncessjoni enfitewtika temporanja ghal skop kummercjali, ghal zmien hamsa u ghoxrin (25) sena mis-17 ta' Settembru 2018. Din il-medda ta' art fiha kejl ta' madwar sebat elef u seba' mitt metru kwadru (7,700mk), u l-koncessjoni inghatat lill-esponenti mill-Abbazia di Sant'Antonio delli Navarra b'att tan-Nutar Krystle Frendo Galea tas-17 ta' Settembru 2018.

Illi ftit gimghat wara li l-esponenti akkwistat din l-art, is-socjeta' Salvu Mintoff & Sons Limited dahlet fiha minghajr jedd, u b'abbuz car tad-drittijiet li kienet ghadha kemm akkwistat l-esponenti, u bdiet operazzjoni ta' tqattigh ta' blat u materja prima minnha, l-istess kif kienet ser taghmel l-esponenti skond it-titolu fuq imsemmi li ghandha minghand il-padrun dirett.

Illi l-kumpanija Salvu Mintoff & Sons Ltd tippretendi li kienet akkwistat jeddijiet fuq din l-istess art b'zewg skritturi privati datati 14 ta' April 1998 u 28 ta' April 1998, li kienu saru bejnha u l-mejjet Richard Stagno Navarra, u li kien deher bhala rapprezentat tal-Beneficcju Lajkali ta' Sant'Antnin delli Navarra. Fl-istess skritturi, l-intimata Salvu Mintoff & Sons Limited iddikjarat li kienet taf li l-Abbazija – bil-mezz tal-Kurja – kienet qed tikkontesta l-jedd ta' Stagno Navarra li jirraprezentaha fil-kuntratti mat-terzi, bil-kawza li kien hemm pendenti fil-Qorti fl-ismijiet *"Aquilina Joseph noe vs Richard Stagno Navarra"* (Ċitaz. Nru. 584/92), u kawżi oħra konnessi, u ezentat lill-istess Richard Stagno Navarra minn kull responsabbilta' f'kaz ta' ezitu negattiv ghalih f'dawk il-kawzi.

Illi effettivament, b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Novembru 2013 fil-kawza msemmija *Joseph Aquilina nomine vs Richard Stagno Navarra et* (Citaz. Nru. 584/92), gie dikjarat li d-digriet li permezz tieghu Richard Stagno Navarra kien inhatar pussessur tal-Abbazija ta' Sant'Antonio delli Navarra ma kienx jiswa.

Illi minhabba f'hekk, l-esponenti tikkontendi bil-qawwa li hija – u hija biss – ghandha titolu validu fil-ligi fuq il-medda ta' art fil-Qala, intiza ghall-uzu kummercjali bhala barriera – u li l-okkupazzjoni, u l-uzu, li s-socjeta' Salvu Mintoff & Sons Ltd, qed taghmel minnha, huma abbuzivi u ghal kollox lezivi ta' dan it-titolu u d-drittijiet reali tal-esponenti.

Illi in kawtela ta' dawn il-jeddijiet taghha, u f'zewg okkazjonijiet differenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, presjeduta minn zewg gudikanti differenti[1], l-esponenti talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta' Salvu Mintoff & Sons Limited biex din tinzamm milli tkompli bit-tqattigh tal-blat, u t-tehid tal-materjal, mill-art tal-esponenti, minhabba fil-pregudizzju irrimedjabbli li dan kollu qed jikkaguna lill-esponenti ghar-rimedju ta' rivendika li qed tezercita bl-azzjoni fil-mertu fl-ismijiet Road Construction Co Ltd vs Salvu Mintoff & Sons Limited et (Rik. Gur. Nru. 185/2019BS pendenti quddiem il-Qorti

Illi fiz-zewg istanzi, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet li l-pregudizzju ghar-rikorrenti ma kienx irrimedjabbli ghax ***"anke jekk fi qrati ohra jkun mpjunjat b`mod definittiv it-titolu ta` l-intimata jibqa` mpregudikat il-jedd tar-rikorrenti li b`azzjoni ghal danni tirreklama minghand l-intimata t-telf kollu li tkun garrbet ghall-isfruttament tas-sit li tkun ghamlet l-intimata"***[2] u mbaghad ghax ***"għandha toroq oħra x'tista tagħzel u tieħu biex tirrikorri għad-debita kawtela."***[3]

Illi fil-frattemp, irrizulta minn ricerki pubblici li ghamlet l-esponenti, li d-dirigenti tas-socjeta' Salvu Mintoff & Sons Limited zvestew lil din il-kumpanija mill-gid kollu li kellha, u filwaqt li komplew jokkupaw, u jisirqu l-materjal minn din il-barriera taghha, qeghdin kontinwament jahbu l-qligh ingenti, f'miljuni ta' Ewro, li din il-kumpanija qed taghmel minn din l-operazzjoni abbuziva, bnadi ohra, fejn l-esponenti difficli taqbadhom.

Illi minhabba f'hekk, wara l-imsemmija decizjonijiet u b'ezawriment tal-uniku rimedju li jibqaghlha taht il-ligijiet vigenti, l-esponenti ntavolat kontra l-imsemmija Salvu Mintoff & Sons Limited, l-ufficjali u l-azzjonisti taghha, u kumpaniji ohra assocjati li rrizulta li qed jintuzaw biex jinhbew l-assi taghha, kawza ghall-hlas tad-danni[4].

Illi kontestwalment mal-kawza ghad-danni, l-esponenti pprezentat talba ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru numru 98/2020 ghas-somma ta' €2,000,000 biex taghmel tajjeb ghad-danni li kienet diga' garrbet sa dakinhar. B'digriet tat-18 ta' Dicembru 2020, din l-Onorabbli Qorti rriduciet l-

[1] Road Construction Co. Limited vs Salvu Mintoff & Sons Limited (Mandat Numru 2078/2018 JZM u Mandat Numru 578/2019MH)
[2] Inib. Nru 2078/18, michud b'digriet tal-15 ta' Jannar 2019
[3] Inib. Nru 578/2019, michud b'digriet tal-5 ta' Gunju 2019
[4] 77/20520BS

ammont kawtelat ghas-somma ta' €1,007,175 wara li qieset li dan kien id-dhul dikjarat tas-socjeta' Salvu Mintoff & Sons Limited ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Marzu 2020, u minkejja li minn dan id-dhul il-kumpanija Salvu Mintoff & Sons Limited ma kien baqaghlha xejn fil-kontijiet taghha.

Illi minkejja d-dhul ingenti dikjarat mis-socjeta' intimata Salvu Mintoff & Sons Limited, wara s-sekwestru kawtelatorju msemmi, ma gew depozitati ebda flejjes, la minn taghha u lanqas minn tas-sekwestrati l-ohra azzjonisti, diretturi u kumpaniji assocjati.

Illi minhabba f'hekk, l-esponenti intavolat mandat ta' inibizzjoni iehor bin-numru 11/2021, biex is-socjeta' intimata Salvu Mintoff & Sons Limited tinzamm milli tkompli tiehu ghalija u tezawrixxi l-gid tal-esponenti, liema mandat gie milqugh b'digriet tas-16 ta' Marzu 2021, ghaliex din id-darba l-Qorti qieset li l-esponenti kienet ser iggarrab pregudizzju rrimedjabbli fin-nuqqas ;

Illi ftit gimghat biss wara, il-kumpannija assocjata mas-socjeta' intimata Salvu Mintoff & Sons Limited, u cioe Gatt Developments Limited, li hija wkoll l-azzjonista principali tas-socjeta' Salvu Mintoff & Sons Ltd, iddepozitat garanzija bankarja fis-somma ta' ta' €1,007,175, u minhabba f'hekk il-Qorti rrevokat kemm il-mandat ta' sekwestru kif ukoll il-mandat ta' inibizzjoni b'zewg digrieti datati 30 ta' April 2021.

Illi dan kollu fisser li, ghal kwazi tlett snin – ghajr ghall-ftit gimghat sakemm thassar il-mandat ta' inibizzjoni numru 11/2021, is-socjeta' Salvu Mintoff & Sons Ltd kompliet tiehu ghaliha, u tezawrixxi, il-materjal tal-kostruzzjoni mill-art tal-esponenti, u llum hadet il-maggor parti ta' dak li kien hemm disponibbli, u li kien koncess lill-esponenti ghal skop purament kummercjali u spekulattiv bl-att tal-koncessjoni enfitewtika tas-17 ta' Settembru 2018.

Illi fl-ahhar gimghat, l-esponenti ntavolat mandat ta' sekwestru iehor bin-numru 85/2021 biex tikkawtela ruhha ghal danni fis-somma ulterjuri ta' €3,389,875, wara li inkarigat professjonisti sabiex jikkalkolaw il-valur tal-materja prima li ga ttiehdet minn Salvu Mintoff & Sons Ltd, u li ma tista' bl-ebda mod tigi rimpjazzata. Wara dan il-mandat ta' sekwestru, sar biss depozitu wiehed ta' madwar €130,000.

Illi huwa car li s-socjeta' intimata qieghda b'hazen kbir u b'sens qawwi ta' vendetta tiehu vantagg mill-process gudizzjarju pendenti fil-kawza ta' rivendika intavolata mill-

esponenti, biex tilhaq tezawrixxi ghal kollox il-gid immobbli rivendikat mill-esponenti, u b'hekk tkun haditu ghaliha anke jekk jirrizulta li m'ghandha l-ebda dritt fuq l-art, jew li hemm fiha.

Illi wara li ezawriet l-uniku rimedju li ghandha biex twaqqaf dan kollu, u giet michuda ghal darba, darbtejn, tlieta it-talba taghha biex jinzamm fis-sehh mandat ta' inibizzjoni li jzomm l-art fl-istat originali, jew li hi, sakemm tigi deciza l-kawza ta' rivendika fil-mertu, l-esponenti ma ghandha ebda rimedju iehor effettiv (**art. 13**, Konvenzjoni Ewropea) biex tikkawtela l-jedd fundamentali taghha ghat-tgawdija tal-possedimenti (**art. 1**, l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea). Jekk l-esponenti tirnexxi fl-azzjoni vindikatorja li ghandha pendenti, kwalunkwe gudikat moghti favur taghha mhux ser ikun jista' jigi ezegwit minhabba li l-oggett rivendikat mhux ser ikun ghadu jezisti, ghal kollox jew fil-bicca l-kbira tieghu.

Illi ghalhekk, id-decizjonijiet moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Jannar 2019 u fil-5 ta' Gunju 2019, kif ukoll dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Sede Superjuri) fit-30 ta' April 2021, fl-atti tat-tlett mandati ta' inibizzjoni fl-ismijiet Road Construction Co Ltd vs Salvu Mintoff & Sons Limited (Inib. Nri. 2078/18, 578/19 u 11/21 rispettivament), jiksru d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha u ghal rimedju effettiv kif protetti bl-artikoli 13 u bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

għaddiet biex titlob lil din il-qorti, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, għar-raġunijiet premessi u dawk kollha li jirriżultaw fil-kors ta' din il-kawża, prevja dawk id-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u/jew opportuni, jogħġobha:

i) Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti garrbet, qed iggarrab u/jew aktarx iggarrab ksur tad-drittijiet fundamentali taghha ghal rimedju effetiv u ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha, kif protetti bl-art. 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, u bl-art. 1 tal-Ewwel Protokoll ghall-istess Konvenzjoni, b'rizultat tar-rifjut ta' dawn il-Qrati li jzommu b'mandat ta' inibizzjoni lis-socjeta' intimata Salvu Mintoff & Sons Limited milli tkompli tqatta' u tiehu l-blat mill-art tajba ghal barriera, fil-Qala, Ghawdex, fuq imsemmija, sakemm tigi deciza fil-mertu l-azzjoni ta' rivendika dwar l-istess art pendenti quddiem il-Qorti tal-

Magistrati (Ghawdex) (Sede Superjuri) fil-kawza Road Construction Ltd vs Salvu Mintoff & Sons Ltd (Rik. Gur. Nru. 185/19BS);

ii) konsegwentement, tiddikjara u tiddeciedi li d-digrieti moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Jannar 2019 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2078/2018, u fil-5 ta' Gunju 2019 fl-atti tal-mandati ta' inibizzjoni numru 578/2019, u mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Sede Superjuri) fit-30 ta' April 2021 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 11/2021 ma jiswewx;

iii)Taghmel dawk id-dikjarazzjonijiet, taghti dawk l-ordnijiet, rimedji u/jew provvedimenti kollha mehtiega sabiex tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija tal-esponenti, inkluz billi tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu kumpens xieraq ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet imsemmija tal-esponenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati kollha li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta preżentata mill-Avukat tal-Istat fl-24 ta' Diċembru 2021[5], li biha ġie eċċepit dan li ġej:

1. Illi, preliminarjament, in-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju, stante li r-rikorrenti hija biss l-emfitewta temporanja ta' l-art de quo, u s-sid koncedent, u cioe` l-Avukat Patrick Valentino fil-vesti tieghu bhala Rettur tal-Beneficcju Lajkali imsejjah Abbazia di Sant'Antonio delli Navarra, qua *bare owner*, ghandu interess attwali u vigenti fil-lanjanzi tar-rikorrenti u messu ppartecipa f'din il-kawza. Oltre dan, l-istess sid koncedent ghandu interess minhabba l-kundizzjonijiet fil-kuntratt ta' cens fejn jidhlu hlasijiet sostanzjali li jkun haqqu skond l-uzu li r-rikorrenti taghmel mill-art de quo peress li l-oggett primarju tac-cens fuq l-art de quo huwa proprju sabiex l-art de quo tinhadem kif trid ir-rikorrenti u kif, jekk il-verzjoni tar-rikorrenti hija korretta, is-socjeta` intimata qed timpediha milli taghmel, b'dan ghalhekk li l-istess sid koncedenti kapaci jitlef il-gran parti ta' l-introjtu mahsub fil-kuntratt ta' cens, b'dan li sahansitra kapaci jkun hemm lok ghat-terminazzjoni tal-kuntratt ta' cens kif provdut fl-Artikolu 13.

2. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, **ir-rikorrenti ma ezawrietx ir-rimedji ordinarji**

[5] A folio 77.

**a dispozzizjoni taghha**, u certament l-esponenti ma jaqbilx li r-rikorrenti spiccat minghajr rimedju effettiv – sakemm ir-rikorrenti tgawdi minn mezzi legali li jistghu jaghtuha rimedju, ma jistax jinghad li m'ghandhiex rimedju effettiv jew altrimenti d-drittijiet taghha gew lezi. Mill-espozizzjoni dettaljata li ghamlet ir-rikorrenti fl-Att promotur, ghandu jirrizulta pacifiku li, oltre r-rimedju tal-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, hija ghada tvanta sal-lum minn **dritt ta' azzjoni ghad-danni** fil-konfront tas-socjeta` intimata, u jista' jigi anke kontemplat l-***Actio de in Rem Verso***. Jekk tassew is-socjeta` intimata qeghda tipprova tahbi l-assi kif allegat mir-rikorrenti, **hemm id-dritt ta' azzjoni ta' l-*Actio Pauliana***. Jekk ir-rikorrenti tirbah il-kawza ghad-danni, u ma tithallasx, hija tista' **tpoggi l-assi tad-debitur taghha ghall-bejgh bis-subasta**, jew **tibda azzjoni ta' stralc kontra l-istess kumpanija**. Jista' jkun li r-rikorrenti jirnexxiela b'success **tnehhi l-*corporate veil*** u tagixxi kontra d-diretturi/azzjonisti tas-socjeta` intimata. Tista' wkoll tirricerka x'debituri ghandha d-debitrici taghha jekk ma tistax tezegwixxi Sentenza li takkordala danni pagabbli mis-socjeta` intimata, u **tibda procedura ta' l-*Actio Debitor Debitoris Mei***. Kwindi, sakemm ir-rikorrenti ma turix li tassew tkun **<u>ezawriet</u>** ir-rimedji kollha a dispozizzjoni taghha, mhux talli l-allegazzjoni ta' ksur ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tkun infondata fil-fatt u fid-dritt, izda ghandu jirrizulta li t-talbiet odjerni huma intempestivi, u ghaldaqstant, l-esponenti jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti biex tiddeklina milli tisma u tiddeciedi din il-kawza, a tenur ta' l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 4(2) tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi tajjeb li jigi rilevat f'dan l-istadju illi kif tghid ir-rikorrenti ex admissis, il-kawza fil-mertu ghada ghaddejja, u ghalhekk ukoll din il-kawza hija intempestiva, in kwantu ghad irid wiehed jara x'rimedju r-rikorrenti tista takkwista permezz ta' dawn il-proceduri – f'kaz ta' ezitu negattiv huwa diskutibbli kemm allura r-rikorrenti sofrietx jew hux qed isofri jew hemmx biza li ssofri vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali vantati minnha f'din il-kawza;

4. Illi **fil-mertu**, permezz ta' l-ewwel talba, ir-rikorrenti donnha, u bilfors hekk irid isir sabiex il-mertu tat-talba jigi investigat gudizzjarjament, titlob li dina l-Onorabbli tagixxi bhala Qorti ta' Revizjoni fuq id-decide taz-zewg Mandati ta' Inibizzjoni li ma ntlaqghux. Il-Qrati li ddecidew dawn il-Mandati mxew skond il-Ligi, u ma huwiex il-kompitu ta' dina l-Onorabbli Qorti li tagixxi bhala Qorti tat-Tieni Grad jew Qorti ta' Revizjoni, u d-decizjonijiet de quo ma humiex sindakabbli;

5. Illi huwa inawdit li jinghad illi decizjoni ta' Qorti titqies leziva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, semplicement ghaliex ma taqbilx mad-decizjoni moghtija, u izjed u izjed jekk jirrizulta li kienet l-istess rikorrenti li ma ssodisfatx ir-rekwiziti legali necessarji ghall-hrug tal-Mandati ta' Inibizzjoni, kif jidher li hekk hu mid-Digrieti li dwarhom tilmenta r-rikorrenti;

6. Illi l-esponenti kien jistenna li semmai, forsi r-rikorrenti tattakka bl-istess mod **il-Ligi** li tirregola l-hrug ta' Mandati ta' Inibizzjoni bhala leziva u mhux id-decizjonijiet per se, imma mhux hekk sar f'dan il-kaz. Ma jistax jinghad li l-awtorita` gudizzjarja li tapplika u tenforza l-Ligi, hi u tirrispetta u tezegwixxi s-setghat taghha u tosserva l-Ligi, kif sar meta inghataw id-Digrieti relattivi, titqies li llediet drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

7. Illi l-esponenti jsostni li r-rikorrenti ma sofriet ebda lezjoni ta' drittijiet fundamentali, kif vantata minnha u ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

8. Illi in kwantu l-ilment odjern huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi dan il-mertu ma jittrattax it-tehid ta' l-art de quo minn awtorita` pubblika minghajr ma jinghata kumpens adegwat, u lanqas l-impozizzjoni ta' ligijiet li jikkontrollaw l-uzu ta' proprjeta` jew inaqqsu d-drittijiet ta' sidien ta' proprjeta`, u ghaldaqstant ir-rikorrenti ma hiex korretta meta tallega ksur ta' dan l-Artikolu;

9. Illi l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tghallimna li l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ma jistax jigi interpretat li jimponi obbligi fuq l-iStat biex ikopri d-debiti ta' entitajiet privati (vide **Kotov v. Russja** u **Anokhin v. Russja**);

10. Illi r-rimedji moghtija mil-Ligi, inkluz dawk imsemmija f'din ir-Risposta, jissodisfaw il-kriterju ta' l-obligazzjoni pozittiva li ghandu l-Istat sabiex jizgura li parti jkollha rimedji legali, inkluz procedurali, f'kaz ta' interferenza maghmula minn persuna privata (vide per ezempju **Jokela v. Finlandja, Kotov v. Russja, Freitag v Fuklev v. Ukajna, Germanja,** u **Zehentner v. Awstrija**);

11. Illi ghalhekk, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha ssib li ma kien hemm ebda vjolazzjoni la ta' l-Artikolu 13, la ta' l-Ewwel Artikolu ta' l-

Ewwel Protokoll, u lanqas tat-tnejn abbinati ma' xulxin, u ghaldaqstant l-ewwel talba m'ghandhiex tintlaqa';

12. Illi konsegwentement, it-talbiet l-ohra ghandhom jigu michuda;

13. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, fir-rigward tat-tieni talba, ghad li ma jirrizultax li saret xi talba ghal mizura provizorja f'dawn l-Atti, it-tieni talba hija irrita, apparti l-fatt li tista' tkun assorbita fl-assjem tat-tielet talba bhala rimedju kif hemm mitlub;

14. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, u f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' l-ewwel talba, ghall-iskop tat-tielet talba jigi eccepit illi r-rimedju li dina l-Onorabbli Qorti ghandha toffri ghandu jkun limitat ghad-dikjarazzjoni ta' ksur bhala 'just satisfaction', flimkien maz-zamma tas-socjeta` intimata biex tieqaf tkompli taghmel uzu mill-art de quo pendenti l-ezitu tal-proceduri fil-mertu bejna u bejn ir-rikorrenti;

15. Illi fuq dan il-punt jigi eccepit ukoll illi m'ghandhom jigu likwidati ebda danni favur ir-rikorrenti u dan stante illi:

a) fl-ewwel lok, ir-rimedju suggerit f'din ir-Risposta ghandu jkun bizzejjed,

b) fit-tieni lok, l-iStat m'ghandux jinsab responsabbli ghal kwalunkwe dannu li jkun effettivament sehh minn persuna privata, meta l-istess Stat pprovda l-mekkanizmi legali sabiex ir-rikorrenti tissalvagwardja d-drittijiet taghha, u

c) fit-tielet lok, kwalunkwe pretensjoni ta' danni li r-rikorrenti jista' jkollha fil-konfront tas-socjeta` intimata hija tista' titlobhom quddiem il-Qrati ordinarji, kif diga` inghad;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

3. Rat ir-risposta preżentata mis-soċjetà intimata Salvu Mintoff & Sons Limited fid-9 ta' Frar, 2022[6], li permezz tagħha ġie eċċepit:

(1) Illi preliminatament fl-ewwel lok din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina li tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 4(2) tal-Kap.319 u dan peress li r-rikorrenti qieghdin ifittxu rimedju straordinarju meta ghad

[6] A folio 83.

hemm pendent bejn l-esponenti u s-socjeta' rikorrenti diversi procedimenti quddiem il-Qrati ordinsrji li jittrattaw propju l-pretensjonijiet tal-attrici;

(2) Illi preliminatament ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, ironikament is-socjeta' attrici qed taghmel din il-kawza fuq il-premessa li ma kellhiex rimedju effettiv mentri fil-premessi tal-istess rikors promotur hija stress ammettiet li 'fl-ahhar jiem' hija kienet regghet tablet il-hrug ta' mandate ta' inibizzjoni iehor li fih essenzjalment kienet qed titlob li l-esponenti tigi inbita milli taghmel l-istess hwejjeg imsemmija fit-tieni talba tar-rikors Kostituzzjonali odjern. Fil-fatt wara li nfethet din il-kawza l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri (Sezzjoni Generali) b'digriet tal-24 ta' Jannar 2022 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni nru 49/2021 BS ordnat il-hrug tal-istess mandate ta' inibizzjoni fil-konfront tas-socjet' esponenti. Fil-waqt li s-socjeta' esponenti tirrizerva l-pozizzjoni taghha dwar l-istess digriet tal-24 ta' Jannar 2022 u tirrizerva li tikkritika u timpunja l-istess digriet b'kull mezz li taghtiha l-Ligi u tirrizerva li tintavola kwalsijasi azzjoni necessarja fir-rigward anke minhabba d-danni li qed jigi arrekat lilha kagun tal-istess mandate u minhabba li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghha, ma tistax ma tirrilevax illi tenut kont ta' dawn il-fatti certament li s-socjeta' attrici ma tistax tghid li hija ma kellhiex access ghal rimedju;

(3) Illi l-esponenti tirrileva illi anke meta l-Ligi trid li ma jigux intavolati mandate ta' inibizzjoni ghall-istess haga jekk ikun diga' ntalab minghajr success il-hrug ta' mandate identiku jew ghall-istess skop, is-socjeta' attrici irnexxielha mar-raba' tentattiv tottjeni mandate ta' inibizzjoni minkejja li tliet mandate identici kienu precedentement diga' gew michuda. Dan iffiser li s-socjeta' attrici inghatat rimedju anke fejn il-Ligi ma kellhiex dritt ghalih.Filwaqt li dan jammonta ghal xejn anqas minn ksur tad-drittijiet fundamentali u propjetarji tas-socjeta' esponenti li kienet il-vittma ta' dawn l-azzjonijiet kollha, ghandu jigi rilevat bl-akbar rispetto illi fil-kuntest tal-azzjonijiet kollha, ghnadu jigi rilevat bl-akbar rispetto illi fil-kuntest tal-azzjoni odjerna kif promossa mis-socjeta' attrici zgur li hija ma tistax tinjora d-digriet tal-24 ta' Jannar 2022 u l-fatt li fil-mument li giet intavola l-kawza odjerna il-mandat nru 49/2021 kien diga' gie intavolat u kien ghadu ma nghatax digriet finali dwaru. Minflok stenniet l-ezitu ta' dak il-mandat, is-socjeta'attrici qabdet u ppresentat din l-kawza odjerna minghajr ma stenniet l-ezita tar-rimedju ordinarju intentat minnha stress;

(4) Illi mandat ta' inibizzjoni diga' minnu nnifsu huwa rimedji procedurali ta' natura specjali tant li dawn il-Qrati diversi drabi tennew il-Qorti ghandha timxi b'kawtela kbira qabel ma tohrog mandate ta' inibizzjoni u kwindi l-fatt li kien hemm talbiet ghal inibizzjoni li ma gewx milqugha ma jfissirx b'daqsehekk li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta' attrici bhallikieku din kellha xi dritt sagrosant li tottjeni bilfors l-inibizzjoni mitluba lillha. Lanqas huwa kompitu ta' din il-Qorti li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Qorti li quddiemha gew il-mandati ta' inibizzjoni in kwistjoni. Din il-Qorti mhix qieghda hemm biex isservi ta' forum ulterjuri fejn min ma jiehux dak li ried quddiem il-Qorti ordinarja jerga' jittanta xortih billi jikkonfezzjona kawza kostituzzjonali dwar l-istess mertu;

(5) Illi minghajr pregudizzju ghal dak li diga  gie sollevat jigi rilevat li din mhix materja ta' kawza Kostituzzjonali izda hija kwistjoni Civili bejn il-partijiet li qed tigi dibattuta fil-Qrati ordinarji u ma tistax is-socjeta' attrici tippretendi li din il-Qorti ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali tiddetermina xi jeddijiet reali jew drittijiet ohra fuq l-art in kwistjoni. Is-socjeta ' attrici  kellha a dispozizzjoni taghha r-rimedji Legali kollha li setghet kellha bzonn, u fil-fatt ezercitat dawk ir-rimedji billi intavolat diversi kawzi u mandate kawtelatorji jekk is-socjeta' attrici ma kienitx kuntenta bil-mod kif gew decizi uhud mill-proceduri kawtelatorji intentati minnha, dak certament mhux il-mertu ta' kawza Kostituzzjonali. Jigi rilevat ukoll illi s-sitwazzjoni tas-socjeta' attrici hija ferm differenti minn dik ta' attur li jkun diga' rebah il-kawza fil-mertu u ghal xi raguni jsib diffikulta' biex jesegwixxi sentenza li tkun inghatat favur tieghu ghaliex il-Ligi ma tipprovdilux mezz adegwat ta' esekuzzjoni (ghalkemm anke hawn difficli li jigi kaz bhal dan billi l-Ligi taghti ghazla vasta ta' mezzi ta' esekuzzjoni ta' sentenzi). Fil-kaz odjern is-socjeta' attrici ghad ghandha biss pretensjoni u ma hemm ebda gudikat favuriha. Zgur ghalhekk li l-fatt li kellha l-opportunira' li titlob il-hrug ta' atti kawtelatoji ghandu jkun sufficjenti u mhux bilfors li riedet tinghata ragun jew tottjeni dak li kienet qed titlob ghaliex din mhix kwistjoni ta' mandate esekuttivi izda biss kawtelatorji. Il-fatt li r-rimedju kien miftuh ghaliha huwa bizzejjed u l-ezitu tieghu huwa irrelevanti;

(6) Illi bl-akbar rispetto it-tielet talba hija improponibbli billi talba biex haddiehor jigi inibit milli jaghmelo xi haga ghandha ssir biss f' kuntest ta' mandate ta' inibizzjoni u mhux billi ssir talba f'kawza. Il-Qrati nostrani anke f'kawzi Civili kemm-il darba tennew li talbiet bhal dawn ma jistghux isiru. Bl-akbar rispetto it-talbiet fil-kawza odjerna

ma huma xejn flif abbuz tal-procedura. Il-Qorti ta' indole Kostituzzjonali ma ghandhomx iservu ta' istanza ulterjuri ta' appell fejn il-Ligi ma tipprovdihx, u s-socjeta' attrici ma tistax tippretendi li titlob minn din il-Qorti dak li l-Qrati ordinarji ma tawhiex;

(7) Illi fi kwaslsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat illi s-socjeta' attrici ma tistax tilmenta mill-fatt li bit-tqattiegh tal-blat li ghamlet l-esponenti hija ghandha interess li tottjeni t-twaqqif ta' dik l-azzjoni biex tipprezerva l-art per se, stante li s-socjeta' attrici riedet l-art ghaliha propju biex tuzaha ghall-istess skop u cioe' ghat-tqattiegh tal-blat u kwindi in fondo in fondo din hija kwistjoni purament pekunjarja u ma hemm l-ebda lok li tinghata xi ordni kif mitlub fit-tieni talba tar-rikors promotur;

(8) Illi f'dan l-istadju s-socjeta' attrici lanqas ma tista' tallanja minn xi ksur tad-dritt ghat-tgawdija tal-possedimenti taghha ghaliex effettivament qabel ma jigu decizi l-kawzi ta' natura Civili diga' vigenti bejn il-partijiet is-socjeta' attrici lanqas tista' tghid li ghandha d-drittijiet li tippretendi li ghandha fuq l-art in kwistjoni. Din il-Qorti ma tista' qatt issib ksur ta' l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jekk ma jigix stabbilit li fil-fatt is-socjeta' attrici ghandha d-drittijiet reali li tippretendi li ghandha, u dik mhix kwistjoni li tista' taqtaghha din l-Onorabbli Qorti fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha.

(9) Illi jigi rilevat b'referenza ghall-permessi tar-rikors guramentat illi l-art li Road Construction Co Ltd qieghda tippretendi li akkwistat bil-ftehim tal-2018 ilha fil-pussess tas-socjeta' Salvu Mintogg & Sons Ltd ghal snin twal sa mis-sena 1997 u l-istess Salvu Mintoff & Sons Ltd ghandha zewg ftehimijiet ( ferm antecedent ghal dak ta' Road Constructions Co Ltd tas-sena 2018) li a bazi taghhom tezercita d-drittijiet taghha fuq l-art in kwistjoni u territorju akbar. Dawn il-ftehimijiet huma datati l-14 t' April 1998 u t-28 t' April 1998 u saru ma' Richard dei Conti Stagno Navvarra Muscat, allura bhala l-attwali possessor tal-giuspatronat lajkali ta' Sant' Antonio Abbate delli Navarra, u dawn saru sabiex l-istess socjeta' Salvu Mintoff & Sons Ltd tkun tista tqatta' l-blat u taghmel uzijiet ohra relatati mal-art maghrufa ta' Ghar id-dar, fil-limiti ta' Qala,Ghawdex, sabiex tkompli tkabbar l-operat taghha.

(10) Illi huwa tassew ironiku li Road Construction Co Ltd tipprova ggib fix-xejn id-drittijiet li Salvu Mintoff & Sons Ltd tgawdi fuq l-art in kwistjoni billi tghid li l-ftehim li din in-naha ghamlet ma' Richard Stagno Navarra ma kienx

jiswa. L-attrici ticcita sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Joseph Aquilina noe Vs Richard dei Conti Stagno Navarra ( Cit Nru 584/1992) moghtija fid-29 ta' Novembru 2013. L-ironija tohrog aktar bic-car mill-fatt illi wara dik is-sentenza l-eredi tal-persuna li maghha kkuntratt is-socjeta' esponenti gew rikonoxxuti mill-Kurja Arciveskovili ta' Malta bhala l-attwali pussessuri tal-guspatronat in kwistjoni, u dan permezz ta' kuntratt tas-27 ta' Frar 2017, izda dan il-fatt Road Construction Co Ltd konvenjentament ukoll tonqos li ssemmi li dan il-kuntratt tal-17 ta' Settembru 2018 li minnu hija tippretendi li tidderiva t-titolu taghha. Ghalhekk bl-akbar rispetto, minghajr ma f'dan l-istadju ghandu ghalfejn jigi accertat xejn dwar it-titolu ta' Richard Stagno Navarra, ghandu jkun ben car li Road Construction Co Ltd ma tistax serjament tiskarta t-titolu tas-socjeta' esponenti fuq dik il-bazi minghajr ma tkun qed timmina t-titolbu li fih ghandu jsir xi acceertamnt tat-titolu.

(11) Illi jigi rilevat ukoll illi fi kwalsijasi kaz is-socjeta' rikorrenti ticcita dak li qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza 584/1992 biss sa fejn jaqbel lilha u kif jaqbel lilha. Dan juri bic-car l-animu tas-socjeta' rikorrenti, animu li qed jipprovdi jghawweg il-fatti veritieri. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Novembru 2013 illimitat ruhha biex hassret digriet moghti mill-Qorti fil-Gurisdizzjoni Volontarja taghha izda espressament astjeniet milli tmur oltre, tant illi ddikjarat hekk: 'ma tqisx it-talba ghal dikjarazzjoni illi l-konvenut ma huwiex u ma jistax ikun imsejjah ghall-beneficcju tal-Guspatronat', Ghalhekk huwa kompletament inutile ghas-socjeta' rikorrenti li tipprova taghmel kapital minn fuq dik is-sentenza, specjalment f'dawn il-proceduri ta' indole kostituzzjonali li ma jistghux iservu biex jiddeterminaw il-kwistjonijiet Civili bejn il-partijiet;

(12) Illi hawn johrog aktar car l-animu tas-socjeta' Road Construction Co Ltd wara dawn l-azzjonijiet taghha u johrog car ukoll kemm qeghda tabbuza mill-procedura guddizzjarja. L-iskop kollu tal-attrici huwa li tottjeni l-monopolju f'Ghawdex fis-settur tat-tqattih tal-blat tal-qawwi u li tipprovda ggib lill-uniku kompetitur taghha (l-esponenti) gharkopptejha. Is-socjeta' Road Construction Co Ltd ippruvat tohrog diversi mandati ta' inibizzjoni ghall-istess skop iu rigward l-istess art u l-ewwel tliet mandate gew michuda jew revokati kull darba. Madankollu r-raba' mandat ta' inibizzjoni gie milqugh, bi pregudizzju gravi ghall-esponenti, minkejja li ai termini tal-Artikolu 836(5) tal-Kap.12 is-socjeta' rikorrenti ma tistax titlob il-hrug ta' mandate identiku ghal dak li hija diga' tablet precedentement u li gie michud jew inkella fie revokat wara

li kien intlaqa’, L-esponenti tirrizerva l-pozizzjoni taghha f’dan ir-rigward, inkluz ghal kull dikjarazzjoni ta’ ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti li tista’ tkun necessarja.

(13) Illi jigi rilevat ukoll illi l-istess socjeta’ rikorrenti dahlet f’kuntratt fwar il-propjeta’ in kwistjoni fis-17 ta’ Settembru 2018 fejn ippretendiet li takkwista l-art b’cens temporanju minghand l-Abbazija, u dan immedjatament wara li l-istessn Abbazija kienet ipproponiet zewg mandate ta’ inibizzjoni fil-konfront tal-esponenti (dawk numru 28/2018JVC u 47/2018PC) ghall-istess fini u fir-rigward tal-istess art, liema kienu mandate gew kategorikament michuda. Ghalhekk meta socjeta’ rikorrenti ikkuntrattat dwar l-art mertu ta’ dan il-mandat kienet taf ben tajjeb li s-socjeta’ esponenti kienet diga’ qed tiggjova minnha, u li l-Abbazija kienet ittentat minghajr success li twaqqaf l-operat tal-esponenti. Ghalhekk is-socjeta’ rikorrenti kienet taf ben tajjeb xkienl-istat ta’ fatt dwar dik l-art u jekk dahlet f’kuntratt dwarha kienet taf li ma setghetx taqbad u tidhol fl-art u li haddiehor (l-esponenti) kien diga’ qieghed jaghmel uzu minnha. Ma tistax issa tigi tillamenta minn xi ksur ta’ drittijiet fundamentali taghha minhabba li sabet rezistenza meta ppruvat tidhol fl-art li kienet ilha snin twal fil-pussess tal-esponenti, jew minhabba li ma rnexxilhiex tottjeni l-atti kawtelatorji kollha li xtaqet, kif riedet u meta riedet.

(14) Illi fl-ahhar nett in kwantu l-allegazzjoni li s-socjeta’ esponenti zvestiet ruhha mill-assi kollha taghha biex b’xi mod tevadi l-pretensjonijiet tal-attrici, hija bl-akbar rispetto allegazzjoni quddiem il-Qrati ordinarji fejn l-esponenti qed tirribatti dik l-allegazzjoni bil-qawwa kollha Ma hu minnu xejn li l-esponenti zvestiet ruhha minn kollox u ma tistax l-attrici tippretendi li taghmel allegazzjoni bhal dik, li hija l-mertu ta’ kawza ohra, u tippretendi li din il-Qorti ta’ gurisdizzjoni Kostituzzjonali timxi fuq dik il-premessa qisu kienet xi fatt accertat u stabbilit.

(15) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta’ attrici ma soffriet ebda ksur tad-drittijiet fundamentali taghha;

(16) Illi se mai kienet l-esponenti li sfat vittma ta’ ksur tad-drittijiet fundamentali taghha minhabba l-varji azzjonijiet mehuda mis-socjeta’ attrici b’abbuz komplet tas-sistema gudizzjarja u certament li din l-Onorabbli Qorti ma tista’ qatt tiehu xi decizzjoni li permezz taghha tkun qed tikser id-drtiitijiet fundamentali tal-esponenti. Jekk, dejjem minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedent, din l-Onorabbli Qorti kellha tilqa’ t-talbiet attrici u fosthom

tordna lill-esponenti tieqaf mix-xoghlijiet kif mitluba fit-tieni talba, bl-akbar rispetto ikun ifisser li din il-Qorti tkun qed tintralcja ruhha fuq id-drittijiet i l-esponenti tgawdi fuq l-art in kwistjoni;

(17) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat ukoll illi d-drittijiet fundamentali huma garantiti mill-Istat u l-esponenti ma tista' qatt tinstab responsabbli ta' ksur tad-drittijiet fundamentali ta' persuna ohra u ghalhekk ukoll lanqas ghandha tbati spejjez f'dawn il-proceduri, jkun x'ikun l-ezitu taghhom;

(18) Illi t-talobiet tal-attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha;

(19) Illi l-eccezzjonijiet hawn moghtija qed jinghataw kollha separatament u indipendentement minn xulxin u kull wahda hija minghajr predudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra.

Bl-ispejjez u b'rizerva ta' kwalsijasi azzjoni spettanti lill-esponenti in konnessjoni mal-proceduri impunjati b'din il-kawza, u ghal kull azzjoni spettanti lill-oesponenti minhabba l-ksur tad-drittijiet fundament tali taghha.

4. Rat illi r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, għad li ġie notifikat bir-rikors promotur tal-kawża u bl-avviż għas-smigħ tagħha fil-15 ta' Diċembru 2021[7], ma ppreżenta ebda risposta.

5. Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Ġunju 2023, dina l-qorti, kif diversament presjeduta, ordnat illi għandhom qabel xejn jiġu deċiżi t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat, kif ukoll l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata Salvu Mintoff & Sons Limited;

6. Rat ix-xiehda mressqa u d-dokumenti kollha eżebiti kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom, kompriżi l-atti tal-mandati t'inibizzjoni bin-numri 2078/2018JZM, 578/2019MH, 11/2021BS u 49/2021BS, li ġew allegati mal-atti odjerni b'dikriet mogħti minn din il-qorti, kif diversament presjeduta, fit-30 ta' Mejju, 2022[8];

---

[7] Ara r-riferta a tergo ta' folio 74.
[8] A folio 96.

7. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet preżentati mill-partijiet kollha, ħlief ir-Reġistratur intimat;

8. Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tad-19 ta' Jannar, 2024;

9. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza fuq it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat, u fuq l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata.

Ikkunsidrat:

10. Illi kif fuq premess, dina d-deċiżjoni qed tingħata limitatament dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat, kif ukoll dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata.

11. Illi dak li jemerġi mill-provi prodotti s'issa jista' jiġi riepilogat kif ġej:

    i. ir-rikorrenti hija soċjetà kummerċjali li topera fil-qasam tal-iżvilupp u l-kostruzzjoni, kif ukoll tax-xogħlijiet fit-toroq u għall-amministrazzjoni pubblika, b'intrapriża ta' barrieri f'Għawdex. Is-soċjetà intimata hija l-kompetitriċi ewlenija tar-rikorrenti fis-settur kummerċjali li jirrigwarda barrieri f'Għawdex[9];
    ii. ir-rikorrenti ssostni li b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Krystle Frendo Galea tas-17 ta' Settembru 2018[10], kisbet b'enfitewsi temporanja art fil-limiti tal-Qala f'Għawdex, fil-kuntrada ta' "Għar id-Dar", għal żmien ta' ħamsa u għoxrin sena. Din il-konċessjoni ngħatat mill-Abbazia di Sant'Antonio delli Navarri, għall-użu speċifiku ta' barriera. Fil-viċin, hemm barriera f'idejn is-soċjetà intimata;
    iii. ir-rikorrenti tgħid li ftit wara din il-konċessjoni, is-soċjetà intimata bdiet operazzjonijiet ta' estrazzjoni ta' blat mill-art konċessa lilha[11]. Jidher li s-soċjetà

[9] Ara l-affidavit ta' Victor Hili, a folio 199.
[10] Kopja eżebita a folio 6.
[11] Ara folio 200.

intimata ssostni li għandha jeddijiet fuq l-istess territorju naxxenti minn skritturi privati datati 14 t'April 1998[12] u 28 t'April 1998;

iv. b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Novembru 2013 fil-kawża "Joseph Aquilina nomine vs. Richard Stagno Navarro et", wara ċ-ċitazzjoni bin-numru 584/1992[13], ġie dikjarat bħala invalidu d-dikriet li bih l-istess Richard Stagno Navarro (li kien il-firmatarju f'isem l-Abbazia fl-iskritturi li abbażi tagħhom tippretendi jeddijiet s-soċjetà intimata) ġie kkonfermat bħala pussessur tal-istess Abbazia;

v. ir-rikorrenti tgħid li minħabba f'hekk l-iskritturi li abbażi tagħhom is-soċjetà intimata qed tippretendi jeddijiet fuq l-art in kwistjoni ma jiswewx, u kien għalhekk li hi pproċediet b'azzjoni rivendikatorja permezz tar-rikors ġuramentat bin-numru 185/2019 BS fl-ismijiet "Road Construction Co. Ltd vs. Salvu Mintoff & Sons Limited et"[14], liema kawża għadha pendenti;

vi. peress li r-rikorrenti dehrilha li l-azzjonijiet tas-soċjetà intimata, li bihom bdiet l-estrazzjoni ta' materja prima mill-art in kwistjoni, kienu jippreġudikaw il-jeddijiet tagħha, talbet mingħand il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni f'żewġ okkażjonijiet differenti, u dan permezz tar-rikors bin-numru 2078/2018JZM u tar-rikors bin-numru 578/2019MH. Fiż-żewġ okkażjonijiet, it-talba għall-ħruġ tal-mandat kienet miċħuda, b'dikrieti tal-15 ta' Jannar 2019[15] u tal-5 ta' Ġunju 2019[16], rispettivament;

vii. ir-rikorrenti tkompli tgħid, fir-rikors promotur li bih bdiet din il-kawża, li s-soċjetà intimata żvestiet ruħha mill-attiv kollu tagħha[17], u llimitat l-attività tagħha għall-estrazzjoni tal-materjal mill-art kontestata;

viii. peress li r-rikorrenti dehrilha li kienet qed iġġarrab danni b'konsegwenza ta' dan kollu, hija ressqet kawża oħra, permezz tar-rikors ġuramentat bin-numru 77/2020BS fil-konfront tas-soċjetà intimata kif ukoll tad-diretturi u tal-azzjonisti tagħha u soċjetajiet oħrajn assoċjati magħhom li r-rikorrenti tgħid li kienu qed jiġu wżati biss sabiex jinħbew l-assi tas-soċjetà intimata. Biex tikkawtela din il-pretensjoni tagħha għad-danni, r-rikorrenti talbet u kisbet il-

[12] Kopja ta' din l-iskrittura tinsab fil-proċess a folio 141 u 144.
[13] Kopja eżebita a folio 21.
[14] Kopja eżebita a folio 42.
[15] Kopja eżebita a folio 46.
[16] Kopja eżebita a folio 54.
[17] Ara l-kuntratt eżebit a folio 100.

ħruġ ta' mandat ta' sekwestru bin-numru 98/2020, għas-somma ta' żewġ miljun Ewro. B'dikriet mogħti fit-18 ta' Diċembru 2020, din is-somma ġiet ridotta wara li ġie meqjus li dan kien id-dħul dikjarat tas-soċjetà intimata għas-sena li għalqet fil-31 ta' Marzu 2020. Ir-rikorrenti tgħid li minkejja dan id-dħul dikjarat, ma ġie depożitat ebda ammont wara s-sekwestru kawtelatorju tagħha, u dan kien qed juri li r-rimedju alternattiv indikat fid-dikrieti tal-15 ta' Jannar 2019 u tal-5 ta' Ġunju 2019 ma kienx jeżisti. Minħabba f'hekk, tgħid ir-rikorrenti, hija pproċediet b'talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni ieħor, permezz tar-rikors bin-numru 11/2021, li din id-darba ġie milqugħ b'dikriet tas-16 ta' Marzu 2021[18];

ix. dan il-mandat t'inibizzjoni (kif ukoll il-mandat ta' sekwestru msemmi aktar kmieni) ġie revokat mill-qorti wara li s-soċjetà intimata ddepożitat garanzija bankarja fl-ammont ta' €1,007,175, ftit żmien wara l-akkoljiment tal-mandat t'inibizzjoni, u dan permezz ta' dikriet mogħti fit-30 t'April, 2021[19];

x. xi żmien wara, ir-rikorrenti, billi dehrilha li l-preġudizzju kien għadu għaddej bil-fatt li s-soċjetà intimata setgħet tkompli bl-attività t'estrazzjoni ta' blat mill-art in kontestazzjoni, ressqet talba oħra għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni sabiex din l-attività titwaqqaf. Waqt li din it-talba kienet għadha pendenti, ressqet ukoll din il-kawża;

xi. l-aħħar talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni mir-rikorrenti, li saret permezz tar-rikors bin-numru 49/2021BS, ġiet milqugħa b'dikriet tal-24 ta' Jannar 2022[20], u ċjoè fil-mori ta' din il-kawża.

12. Illi l-ilment tar-rikorrenti, kif preżentat fir-rikors promotur tagħha u elaborat waqt it-trattazzjoni magħmula mid-difensur tagħha, huwa li l-Istat naqas mill-obbligu tiegħu li jipprovdiha b'rimedju effettiv, kif kien obbligat li jagħmel skont l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, meta l-għodda tal-mandat t'inibizzjoni intiż sabiex jippreserva stat ta' fatt partikolari pendenti l-eżitu ta' azzjoni ġudizzjarja ntiża li tiddetermina l-jeddijiet tal-kontendenti ġiet miċħuda lilha abbażi ta' kriterju ħażin, u ċjoè li r-rikorrenti dejjem kellha l-jedd għar-riżarċiment tad-danni. Ir-rikorrenti ssostni li d-dritt primarju tagħha huwa dak għall-oġġett li hu proprjetà tagħha, u kellha allura jedd għal rimedju

[18] Kopja eżebita a folio 63.
[19] Kopja eżebita a folio 70.
[20] Kopja eżebita a folio 177.

effettiv sabiex dak id-dritt primarju jiġi preservat. Issostni li l-interpretazzjoni tal-qrati li ddeċidew il-mandati t'inibizzjoni bin-numri 2078/2018JZM u 578/2019MH ċaħħditha mill-jedd tagħha għal kawtela li biha jiġi ppreservat il-jedd tagħha fi ħwejjiġha. Issostni wkoll li l-istess dikrieti li bihom ġew miċħuda l-ewwel żewġ talbiet tagħha għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, kif ukoll id-dikriet tat-30 t'April 2021 (li bih ġie revokat il-mandat milqugħ stante d-depożitu ta' garanzija bankarja) jiksru wkoll id-dritt fundamentali tagħha għat-tgawdija paċifika tal-possediment tagħha, kif tutelati mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

13. Illi l-intimati kkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti permezz ta' bosta eċċezzjonijiet, iżda għall-iskop ta' din id-deċiżjoni, huma biss it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata li se jiġu kkunsidrati. Fil-qosor, dawn l-eċċezzjonijiet – li diġà ġew testwalment riprodotti fil-parti preliminari ta' din is-sentenza – huma li dina l-qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha billi r-rikorrenti kellha u għad għandha rimedji ordinarji għad-dispożizzjoni tagħha, kif ukoll li, anki fid-dawl ta' dawn ir-rimedji ordinarji, l-azzjoni odjerna hija allura intempestiva.

14. Illi tenut kont tal-fatt li l-azzjoni tar-rikorrenti hija bażata fuq il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-eċċezzjoni tal-intimati fis-sens li hemm rimedji ordinarji miftuħa għar-rikorrenti hija allura bażata fuq l-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitlu 319 tal-Liġijiet ta' Malta), li jipprovdi:

> Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li ghat-tgawdija taghhom tkun intitolata dik il-persuna:
>
> Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi ordinarja oħra.

15. Illi l-artikolu 4(2), appena ċitat, jirrifletti d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni. Din id-diżposizzjoni testwalment tipprovdi li:

> Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:
>
> Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.

16. Illi dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, li huma identiċi fis-sostanza tagħhom, jagħtu l-fakultà lill-qorti ma tieħux konjizzjoni ta' lmenti kostituzzjonali li jiġu mressqin lilha, fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għal dawk il-lanjanzi huma jew kienu disponibbli taħt xi liġi ordinarja.

17. Illi l-ewwel każ li fih jidher li ġiet applikata din id-disposizzjoni tal-liġi (u ċjoè l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni) kien dak fl-ismijiet ***Salvatore Seychell vs. Angelo Grech pro et noe et***, deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 t'April 1967, liema sentenza kkonfermat dik tal-ewwel istanza li ngħatat fil-15 ta' Marzu 1967. Fis-sentenza tal-ewwel istanza ġie fil-fatt osservat:

> In-nuqqas ta' ebda attentat mir-rikorrent biex jottjeni bil-mod normali u bil-mezzi konsentiti lilu mil-liġi ordinarja l-protezzjoni tad-drittijiet li huwa jippretendi li għandu, ma jintitolahx jadixxi din il-Qorti taħt l-Art. 47[21] tal-Kostituzzjoni taħt liema artikolu huwa ċar li wieħed jista' jinvoka l-ksur tal-Art. 36 sa 46 tal-Kostituzzjoni, imma mhux il-ksur tal-volta ta' xi liġijiet oħra.
>
> Jekk verament teżisti jew huwa minaċċjat ksur ta' xi drittijiet tar-rikorrent li ma humiex kompriżi u protetti taħt l-Art. 34 sa 46 tal-Kostituzzjoni, allura r-rimedju tiegħu ma

[21] Illum artikolu 46.

> jinsabx fil-Kostituzzjoni fil-proċedura preżenti, imma fil-liġi u fil-proċedura ordinarja.
>
> L-Art. 47 u l-artikoli l-oħra tal-Kostituzzjoni li jirrigwardaw il-"human rights" ma ġewx maħsubin biex, taħt pretest ta' leżjoni attwali jew minaċċjata ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem, wieħed jinjora u jevita l-mezzi u rimedji proċedurali normali fil-każi li jeżorbitaw minn dawk kontemplati fil-Kostituzzjoni, u minflok jadixxi din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni lilha speċjalment fdata mill-Kostituzzjoni.

18. Illi fis-sentenza tagħha, l-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat id-deċiżjoni tal-ewwel istanza, tista' tgħid bl-adeżjoni tal-mottivi. Il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, li kif suespost huwa fil-lokuzzjoni tiegħu identiku għall-artikolu 4(2) tal-Att li bih ġiet ratifikata l-Konvenzjoni Ewropea, kien sussegwentement eżaminat f'aktar dettall fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, presjeduta mill-Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran, fit-30 ta' Ġunju 1977 fl-ismijiet ***Vincent Spiteri vs. L-Onorevoli Prim Ministru et***. Il-każ kien jirrigwarda lment tar-rikorrenti li fil-jum li fih kellhom jintgħażlu l-ġurati għall-ġuri tiegħu, huwa inġieb il-qorti mill-awtoritajiet tal-ħabs (fejn kien qed jiskonta sentenza dwar kundanna preċedenti) bil-ħwejjeġ tal-ħabs li kjarament kienu juru lil min seta' jara lir-rikorrenti fil-kuruturi tal-qrati li l-istess rikorrent kien ħabsi. Ir-rikorrent ilmenta illi dan il-fatt illeda d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq billi ġiet vjolata r-regola li l-ġurati m'għandhomx ikunu konsapevoli minn kundanni preċedenti li l-akkużat f'ġuri seta' jkollu. Minkejja li l-qorti tal-ewwel istanza sabet li tali fatt, lamentat mir-rikorrent, kien irregolari, għaddiet biex xorta waħda ċaħdet ir-rikors tiegħu wara li qieset li r-rikorrent kellu żewġ rimedji ordinarji għad-disposizzjoni tiegħu, u ċjoè li jitlob lill-Imħallef togat u presjedenti l-ġuri li jxolji l-ġuri biex b'hekk jintagħżlu ġurati alternattivi, kif ukoll illi jappella mill-eventwali verdett f'każ li tali talba tiġi respinta. Dika l-qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li huma ta' xejra ġenerali u li kwindi japplikaw għal kull sitwazzjoni fejn titqajjem l-eċċezzjoni dwar id-disponibilità ta' rimedji ordinarji:

> 9. Iżda fl-istess ħin il-każ issa ippreżentat lill-din il-Qorti taħt il-profil kostituzzjonali sa hawn jista' jasal, għax fil-qoffa l-oħra tal-bilanċ tal-ġustizzja iridu issa jitqegħdu xi ċirkostanzi oħra. Kieku ma kienx għaż-<u>żewġ</u> ċirkostanzi u raġunijiet li sejrin jissemmew u li jimmilitaw kontra r-rikorrent, il-Qorti ċertament ma kienitx sejra <u>tillibera għal</u>

kollox lir-rikorrent, imma kienet tordna "new trial" għax il-kamp tar-redress mogħti mid-disposizzjoni ampja tal-art. 47(2) tal-Kostituzzjoni jidher li jippermetti anki direttiva simili, u kif qal il-Privy Council fil-kawża Borg Olivier vs Buttigieg (il-kawża tal-gazzetti fl-isptarijiet) mal-"human rights" m'għandhomx jsiru skerzi, lanqas minimi. Il-Qorti, f'dik l-ipotesi, kienet tipproponi anke ċerti "safeguards" dwar il-pubbliċità tal-isem tar-rikorrent biex ġurati futuri ma jkunux preġudikati b'dak li jaqraw u jisimgħu. Iżda l-istess artikolu tal-Kostituzzjoni jipprovdi, kif tajjeb issottometta Dr Borg, li din il-Qorti, tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li jekk isir, tirrifjuta li tagħti ir-"redress" minnha mitlub meta tkun sodisfatta li r-rikorrent kellu rimedji legali oħrajn li ma użax.

…

Għalhekk daqs kemm hu ċar li kien hemm irregolarità hu ugwalment ċar li r-rikorrent kellu rimedji legali oħrajn ordinarji li ma eżawriex u ħalla t-terminu tal-appell in via ordinarja jiskadi inutilment.

Fiċ-ċirkostanzi il-Qorti hi sodisfatta, a termini tal-proviso tal-art. 47(1)(2) tal-Kostituzzjoni, li r-rikorrent kellu skond il-liġi mezzi oħra xierqa ta' rimedju għal ksur minnu allegat u billi minħabba d-dewmien u nuqqas ta' azjoni tar-rikorrent fl-istadju opportun (attwalment kellu żmien 15-il ġurnata għall-appell) jidhrilha li hekk hu desiderabbli qegħdha tiddeklina li teserċita s-setgħat tagħha taħt id-disposizzjonijiet preċedenti ta' dak l-artikolu salv it-temperament fil-kap ta' li spejjes li hu xieraq minħabba in-natura ġdida tal-każ u ċ-ċirkostanzi tiegħu«

19. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 t'Awwissu 1977, fejn ġie osservat hekk:

Il-Qorti tosserva f'dan il-kontest li l-appellant donnu qed iħares lejn il-mezz ta' "redress", esperibbli imma li ma jkunx ġie esperit, bħala li jrid bilfors, a priori u fil-każijiet kollha jwassal nettibilment għar-riżultat viżwalizzat, waqt li l-Kostituzzjoni f'dan il-proviso hi raġonevolment konċernata bid-disponibilità ta' mezzi adegwati ta' "redress" mingħajr ma irraġonevolment tesiġi garanzija assoluta u aprioristika ta' suċċess f'kull każ partikolari, liema suċċess wisq naturalment jiddependi miċ-ċirkostanzi kollha ta' kull każ.

> Fil-każ preżenti x'kien hemm aktar sempliċi jew normali milli l-istess akkużat issa appellant jagħmel talba lill-Qorti Kriminali li l-ġuri tiegħu għar-raġuni issa hawn mogħtija jiġi differit biex jinstema' quddiem ġurati oħra f'xahar ieħor? U kieku dan intalab u ngħata x'seta' imbagħad ikun aktar effettiv? Il-Qorti taċċetta illi kieku dan intalab seta' anki konċepibilment ma ngħatax imma ċertament seta' anki ngħata u anzi fil-fatt, skond it-tradizzjoni u praxis ġudizzjarja tagħna ma tantx tista' tippresumi li fil-każ in ispeċje, **kieku intalab**, ma kienx jingħata. B'danakollu però dan il-mezz ta' "redress", li kien ċertament jeżisti, kien disponibbli u kien ukoll adegwat, ma ġiex anqas biss tentat. Għal dan in-nuqqas din il-Qorti ma tistax issib ġustifikazzjoni adegwata għax għalkemm hu veru, kif ġie lilha sottomess mill-appellant, li ngħatalu difensur mill-Qorti (sa minn qabel it-tlugħ tal-ġurati però) dan kien ċertament edott (għax xehdu testwalment l-istess appellant a fol. 29 in fine tal-proċess) b'dak li ġara u kellu ampja opportunità li jaġixxi kif fuq ingħad waqt li, kif sewwa qalet l-ewwel Onorabbli Qorti, jidher li l-għaref Imħallef tal-Qorti Kriminali ma ġiex informat b'dak li ġara fil-kuridur.«

20. Illi l-kwistjoni ġiet ikkonsidrata *funditus* mill-ġdid fid-deċiżjoni ***Dr Mario Vella vs. Joseph Bannister noe*** (Qorti Kostituzzjonali, 7/3/1994)[22], fejn wara rassenja ta' ġurisprudenza dwar l-istess materja, dik l-Onorabbli Qorti enunċjat is-segwenti linji ġurisprudenzjali:

> (a) Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta m'humiex disponibbli;
>
> (b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u gravi ta' illegalità jew ta' ġustizzja jew ta' żball manifest, ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalità ta' l-ewwel Qorti kkonferita mill-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni;
>
> (ċ) kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;
>
> (d) Meta r-rikorrent ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkunsidra li m'għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk, dan il-

[22] Kollezz. Vol.LXXVIII.i.48.

possibbli rimedju ma kienx però se jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent;

(e) Meta r-rikorrent ma jkunx eżawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk però dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;

(f) Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni.

21. Illi dawn il-prinċipji ġew segwiti għal snin sħaħ, u dan dejjem b'rispett lejn il-ħsieb ewlieni tal-proviso kontenut fl-artikolu 46(2) u fl-artikolu 4(2) fuq ċitati, liema ħsieb ewlieni ġie hekk imfisser fil-kawża ***Mediterranean Film Studios Limited vs. Il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta***, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2003: «*Id-diskrezzjoni taħt iż-żewġ proviso in kwistjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, biex min-naħa l-waħda il-Prim Awla kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali ma jiġux inundati b'kawżi li jistgħu jiġu determinati minn Qrati oħra u/jew bi proċeduri oħra, u min-naħa l-oħra ċ-ċittadin (jew persuna ġuridika, skond il-każ) ma jiġix ipprivat mir-rimedji li hu għandu dritt għalihom taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap. 319. Il-leġislatur kostituzzjonali kkonferixxa lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) (u lil ebda persuna jew awtorita` oħra) diskrezzjoni wiesgħa fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja biex minn banda 'l waħda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bżonn anke ħesrem, lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali u mill-banda l-oħra tkun tista' timpedixxi li jiġu kreati ostakoli bla bżonn fit-triq ta' min ikun jidher li ġenwinament ikun qiegħed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeċi u ċ-ċirkostanzi partikolari kollha tal-każ għandhom jiġu eżaminati għaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeċiedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi teżerċita s-setgħat tagħha*».

22. Illi sussegwentement il-Qorti Kostituzzjonali tenniet il-prinċipji ġenerali dwar l-eżercizzju tas-setgħa kkontemplata fil-*provisos* suċitati, u dan fil-kawża ***Visual & Sounds Communications Limited vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et***, deċiża fit-12 ta'

Dicembru 2002, liema prinċipji ġenerali jkomplu jseddqu dawk identifikati fid-deċiżjoni ***Vella vs. Bannister noe***, fuq ċitata. Dawn huma s-segwenti:

> (a) Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta` natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta m`humiex disponibbli;
>
> (b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u gravi ta` illegalita` jew ta` ġustizzja jew ta` żball manifest, ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta` diskrezzjonalita` ta` l-ewwel Qorti kkonferita mill-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni;
>
> (c) kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;
>
> (d) Meta r-rikorrent ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta` kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkunsidra li m`għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk, dak il-possibbli rimedju ma kienx pero` se jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent;
>
> (e) Meta r-rikorrent ma jkunx eżawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero` dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta` ħaddieħor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;
>
> (f) Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab id-diskrezzjoni.

23. Illi sabiex jingħad li kien hemm rimedju ordinarju disponibbli, dan ir-rimedju, «*... jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi*» (***Peter Paul Muscat vs. Mario Muscat pro et noe et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 26/3/2009).

24. Illi din il-qorti tqis li l-eċċezzjoni ta' ntempestività, li wkoll hija meritu ta' din id-deċiżjoni, hija marbuta sewwa mal-eċċezzjoni dwar l-eżistenza ta' rimedji ordinarji. Dan għaliex hija s-sottomissjoni tal-intimati li l-kawża odjerna saret qabel waqtha, proprju għaliex ir-rimedji ordinarji li ġew użati mir-rikorrenti għadhom *sub iudice*, u jista' għalhekk jirriżulta li l-jeddijiet li hi tgħid li għandha, fil-verità m'humiex.

25. Illi din il-qorti ħasbet fit-tul fuq dawn l-eċċezzjonijiet tal-intimati, u waslet għall-konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi attwali u prevalenti tal-kwistjoni ċivili bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà intimata, għandha tilqa' l-istess eċċezzjonijiet.

26. Illi l-bażi fundamentali tal-ilment tar-rikorrenti huwa proprju li hija għandha possediment, u ċjoè l-konċessjoni enfitewtika mogħtija lilha bl-att pubbliku tas-17 ta' Settembru 2018, u li n-nuqqas min-naħa tal-qrati li jagħtuha r-rimedji kawtelatorji mitluba minnha fil-konfront tal-azzjonijiet tas-soċjetà intimata jikkostitwixxi leżjoni tad-dritt fundamentali tagħha għat-tgawdija paċifika ta' dak il-possediment. L-ilment tar-rikorrenti li dan wassal ukoll għal vjolazzjoni tad-dritt tagħha għal rimedju effettiv taħt l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa marbut intimament mal-ilment tagħha taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, billi huwa magħruf li l-artikolu 13 huwa anċillari għad-dispożizzjonijiet preċedenti tal-Konvenzjoni, u ma jistax jiġi invokat *in vacuo*[23].

27. Illi fl-istat kurrenti tal-litiġju ċivili bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà intimata, għadu indeterminat jekk ir-rikorrenti tassew għandhiex il-jeddijiet reali u petitorji li qed tippretendi. Il-kawża li permezz tagħha se jkun qed jiġi determinat jekk hemmx tassew dawk il-jeddijiet għadha pendenti fl-ewwel istanza. Isegwi allura li hemm kontestazzjoni sħiħa dwar jekk il-"possediment" li fuqu tibbaża ruħha l-azzjoni tar-rikorrenti huwiex tagħha jew le.

28. Illi jekk din il-kawża tibqa' miexja <u>qabel</u> ma jiġu deċiżi b'mod definittiv il-kwistjonijiet ċivili bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà intimata, se jkun hemm konsegwenzi li din il-qorti ma jidhrilix li huma aċċettabbli. Anki mis-sottomissjonijiet magħmula mir-rikorrenti u

---

[23] Ara ***van Dijk & van Hoof,*** Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (3rd Edition), paġna 697.

mis-soċjetà intimata, kemm bil-kitba u kemm bil-fomm, kien impossibbli għalihom li joftmu l-kwistjonijiet ta' din il-kawża mill-kwistjonijiet ċivili ta' bejniethom, bil-konsegwenza illi kellhom jiddedikaw parti mhux żgħira mis-sottomissjonijiet tagħhom għall-kontestazzjoni dwar il-fatti li huma pertinenti għall-kwistjoni ċivili ta' bejniethom, bħallikieku din il-qorti, fl-eżerċizzju tas-setgħat kostituzzjonali tagħha, għandha l-fakultà jew il-*vires* li tiddetermina dawn il-kwistjonijiet ċivili. Il-kontestazzjoni qalila bejn dawn iż-żewġ partijiet fuq il-kwistjoni tat-titolu ma tistax tirrisolvi ruħha f'din il-kawża iżda fil-kawża ċivili bin-numru 185/2019BS. Iżda l-fatt li l-partijiet ħassew il-bżonn li jinoltraw ruħhom f'dawn l-aspetti tal-kwistjoni anki f'dawn l-atti turi u tikkonferma illi l-kwistjoni f'din il-kawża hija, sa ċertu punt, biss sekondarja u dipendenti mill-eżitu tal-kwistjoni ċivili.

29. Konsegwenza oħra li din il-qorti tħoss li tista' sseħħ jekk din il-kawża tibqa' għaddejja qabel id-determinazzjoni tal-azzjoni rivendikatorja dedotta mir-rikorrenti hija l-possibilità li r-rikorrenti tieħu sentenza minn din il-qorti dwar ksur tad-dritt tagħha għat-tgawdija ta' possediment li fil-kawża l-oħra eventwalment jinstab li mhux tagħha. Jew, agħar minn hekk, li s-sentenza ta' din il-qorti, kemm jekk favur jew kuntrarja għall-pożizzjoni tar-rikorrenti, tista' tiġi wżata fil-kawża ċivili minn xi ħadd mill-partijiet, għall-iskop li jinkiseb xi vantaġġ minnha li mhux l-iskop li jiġi konsegwit fi proċeduri bħal dawn.

30. Illi r-rikorrenti, konsapevoli mill-fatt li l-azzjoni tagħha hija bażata fuq "possediment" li l-appartenenza tiegħu hija kontestata *ex civilitibus*, targumenta u tissottometti illi anki l-pretensjoni tagħha (u allura rrispettivament mid-dritt petitorju li hu kontestat) minnha nfisha hija "possediment" fit-tifsira awtonoma tal-Konvenzjoni Ewropea.

31. Illi fid-deċiżjoni ***Anheuser-Busch Inc. vs. Portugal***[24], il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkunsidrat li:

> 63. The concept of "possessions" referred to in the first part of Article 1 of Protocol No. 1 has an autonomous meaning which is not limited to ownership of physical goods and is independent from the formal classification in domestic law: certain other rights and interests constituting assets can also

[24] 11 ta' Jannar 2007.

be regarded as "property rights", and thus as "possessions" for the purposes of this provision. The issue that needs to be examined in each case is whether the circumstances of the case, considered as a whole, conferred on the applicant title to a substantive interest protected by Article 1 of Protocol No. 1 (see *Iatridis*, § 54, *Beyeler*, § 100, both cited above, and *Broniowski v. Poland* [GC], no. 31443/96, § 129, ECHR 2004-V).

64. Article 1 of Protocol No. 1 applies only to a person's existing possessions. Thus, future income cannot be considered to constitute "possessions" unless it has already been earned or is definitely payable. Further, the hope that a long-extinguished property right may be revived cannot be regarded as a "possession"; nor can a conditional claim which has lapsed as a result of a failure to fulfil the condition (see *Gratzinger and Gratzingerova v. the Czech Republic* (dec.) [GC], no. 39794/98, § 69, ECHR 2002-VII).

65. However, in certain circumstances, a "legitimate expectation" of obtaining an "asset" may also enjoy the protection of Article 1 of Protocol No. 1. Thus, where a proprietary interest is in the nature of a claim, the person in whom it is vested may be regarded as having a "legitimate expectation" if there is a sufficient basis for the interest in national law, for example where there is settled case-law of the domestic courts confirming its existence (see *Kopecký v. Slovakia* [GC], no. 44912/98, § 52, ECHR 2004-IX). However, no legitimate expectation can be said to arise where there is a dispute as to the correct interpretation and application of domestic law and the applicant's submissions are subsequently rejected by the national courts (see *Kopecký*, cited above, § 50).

32. Illi fil-każ ***Stran Greek Refineries and Stratis Andreadis vs. Greece***[25], il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li r-rikorrenti kellhom aspettattiva leġittima billi l-interferenza perpetrata mill-Istat kienet timmina l-effetti ta' deċiżjoni t'arbitraġġ li kienet enforzabbli minnha nnifisha. Din id-deċiżjoni t'arbitraġġ, li daħlet fil-mertu tal-kwistjoni, kienet tagħti lir-rikorrenti f'dak il-każ aspettattiva leġittima għall-kreditu kanonizzat favur tagħha. Fil-każ li għandha quddiemha l-qorti llum, m'hemm ebda deċiżjoni ġudizzjarja li nvestiet il-meritu tal-każ.

[25] 9 ta' Diċembru 1994.

33. Illi din il-qorti qieset ukoll dak li ġie kkunsidrat mill-istess Qorti estera fid-deċiżjoni ***Kopecký vs. Slovakia***[26]. F'din id-deċiżjoni ġie osservat hekk:

> 50. Similarly, no legitimate expectation can be said to arise where there is a dispute as to the correct interpretation and application of domestic law and the applicant's submissions are subsequently rejected by the national courts. In *Jantner* (cited above, §§ 29-33), the applicant's restitution claim was dismissed as the national courts found that he had not established his permanent residence in Slovakia within the meaning of the relevant law and practice. That finding was contested by the applicant, who considered that he had met all the statutory requirements for his restitution claim to be granted. The Court held that under the relevant law, as interpreted and applied by the domestic authorities, the applicant had neither a right nor a claim amounting to a "legitimate expectation" within the meaning of the Court's case-law to obtain restitution of the property in question.
>
> 51. In *Gratzinger and Gratzingerova* and *Jantner*, which concerned claims for restitution of property, it may be considered that what was in fact in issue was not so much a "legitimate expectation" according to the principles defined in *Pine Valley Developments Ltd and Others* (see paragraphs 45-47 above), but rather whether or not the applicants had a claim amounting to an "asset" as defined in *Pressos Compania Naviera S.A. and Others* (see paragraph 48 above). In the two above-mentioned restitution cases, it could not be said that the applicants had any property rights which had been adversely affected by their reliance on a legal act. Moreover, as they failed to fulfil a statutory condition for the restitution of property, there was, unlike the situation in *Pressos Compania Naviera S.A. and Others*, no sufficiently established proprietary interest to which a "legitimate expectation" could be attached.
>
> **52. In the light of the foregoing, it can be concluded that the Court's case-law does not contemplate the existence of a "genuine dispute" or an "arguable claim" as a criterion for determining whether there is a "legitimate expectation" protected by Article 1 of Protocol No. 1. The Court is therefore unable to follow the reasoning of the Chamber's majority on this point. On the contrary, the Court takes the view that where the proprietary interest is in the nature of a claim it may be regarded as an "asset" only where it has a sufficient basis in national**

[26] 28 ta' Settembru 2004.

**law, for example where there is settled case-law of the domestic courts confirming it.**[27]

34. Illi fid-dawl ta' dawn id-deċiżjonijiet, kif ukoll tal-kontestazzjoni sħiħa li teżisti bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà intimata dwar il-fatti li jsawwru l-pretensjonijiet ċivili reċiproċi tagħhom, huwa aktar għaqli li qabel xejn jiġu eżawriti r-rimedji ordinarji li s'issa diġà ġew utilizzati mir-rikorrenti. **Il-qorti qed tasal għal din il-konklużjoni anki tenut kont tal-fatt li diġà hemm ukoll numru ta' deċiżjonijiet kunfliġġenti jekk ir-rikorrenti għandhiex jew le l-jedd li qed tippretendi li għandha mqar fuq bażi *prima facie***. Kemm hu hekk, fid-dikriet tal-15 ta' Jannar 2019 wara r-rikors bin-numru 2078/2018 jingħad ukoll (fost konsiderazzjonijiet oħra) li r-rikorrenti lanqas seħħilha turi li għandha jedd *prima facie*, u hekk ukoll intqal fid-dikriet tal-5 ta' Ġunju 2019 wara r-rikors bin-numru 578/2019 (li bih ġew ukoll addottati l-mottivi tad-dikriet preċedenti). Dan b'differenza minn dikrieti sussegwenti, fejn ġie ritenut li kien hemm dan il-jedd *prima facie*.

35. Illi l-ġurisprudenza tal-qorti ta' Strasburgu trid li sabiex pretensjoni tikkwalifika bħala "possediment", min ivantaha jkollu aktar milli "an arguable claim"; irid juri li għandu bażi suffiċċjenti fil-liġi domestika, bħal per eżempju ġurisprudenza paċifika. Issa hija l-fehma ta' din il-qorti li din il-bażi tiġi nieqsa fejn **fuq l-istess kwistjoni u fatti** jkun hemm deċiżjonijiet kunfliġġenti tal-qrati, u ċjoè deċiżjonijiet li jgħidu li hemm jedd *prima facie* u deċiżjonijiet li jgħidu li lanqas hemm jedd *prima facie*.

36. Għalhekk fid-dawl ta' kunflitt mhux biss bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà intimata dwar l-eżistenza tal-jedd, imma anki ta' kunflitt fid-deċiżjonijiet tal-qrati dwar jekk il-jedd tar-rikorrenti jirriżultax imqar *prima facie*, din il-qorti jidhrilha opportun li tiddeklina li teżerċita s-setgħat tagħha taħt l-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea sabiex jiġu definiti l-kawżi ċivili msemmija, u dan sabiex jiġu evitati l-konsegwenzi li diġà ġew imsemmija aktar kmieni f'din is-sentenza.

37. Għaldaqstant il-qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat kif ukoll l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata Salvu Mintoff & Sons Limited, u konsegwentement qiegħda, filwaqt li tiddeklina milli

[27] Enfażi in calce u sottolinear miżjud minn din il-qorti.

teżerċita s-setgħat tagħha taħt l-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjeż ta' din il-proċedura jkunu sopportati mir-rikorrenti.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur